**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Ritianne Cutajar**

**Illum, 8 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ritianne Cutajar detentrici tal-karta tal-identita` numru 145181M.

Akkuzata talli ghal habta ta bejn it-tlieta u ghaxra u l-erbgha u kwart ta wara nofsinhar (1510hrs - 1615hrs) nhar il-5 ta' Novembru 2017, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Triq ic-Cawsli, Zabbar:

1. ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS692, PC865, PC1038 u WPC381 inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjutat li taghti taghrif dwar dak li fuqu giet mistoqsija, jew taghti taghrif jew partikularitajiet foloz, lil PS692 inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ingravata tal-uniformi ghal valur ta €1.48 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta

Nhar il-05 ta' Novembru, 2017 gewwa Triq iz-Zonqor Marsaskala, ghal habta ta bejn tas-saghtejn u kwart u it-tlieta u ghaxra (1415hrs – 1510hrs) ta wara nofsinhar;

4. f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienet fi sakra b'mod li ma kienitx tista tiehu hsieb taghha nnifsa

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kiseret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputata bhala recediva u dan wara li nghattat diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula bi ksur tal-Art 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' trattament ghal perjodu li thoss xieraq ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputata Ritianne Cutajar ammettiet l-akkuzi kif dedotti kontriha fi stadju bikri tal-proceduri;

Ghal dawn il-motivi u wara Ii rat l-Artikoli 49, 50, 95, 338(g), 338(dd), 338(ff) u 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Ritianne Cutajar hatja tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) flmkien ma' multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li flimkien ma' Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi zgurat trattament adewgat lill-imputata Ritianne Cutajar.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imupata Ritianne Cutajar, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**